MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2008

Numru. 976/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Alexander Grech)**

**vs**

**Khalif Farah Mohamed**

Kumpilazzjoni Numru 976/2008/

**Illum 23 ta' Ottubru 2008**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-imsemmi Khalif Farah Mohamed ta' 50 sena, iben Khalif u Amina imwieled is-Somalja nhar l-1

ta’ Jannar 1958, u residenti Dar il-Liedna Triq il-Liendna Fgura, detentur tal-karta ta’ l-identita` bin-numru 41727A.

Akkuzat talli:

1. fil-lejl bejn it-2 u t-3 ta’ Ottubru 2008 ghal habta ta’ xi s-1.15am, fil-Marsa Open Centre minghajr hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ Mahamud Abdirahman Abdalla mis-Somalja f’periklu car, jikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta’ l-istess Mahamud Abdirahman Abdalla, skond kif iccertifikat Dr S.Cassar M.D. ta’l-Isptar Mater Dei bi ksur ta’l-artikoli 214 u 216 tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta’ Malta;
2. u aktar f’l-istess data, hin lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b’ghajjat u glied u dan bi ksur ta’l-artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
3. u aktar f’l-istess data, hin lok u cirkostanzi hebb ghall-imsemmi Mahamud Abdirahman Abdalla sabiex jinsulentah, iweggghu jew jghamillu hsara u dan bi ksur ta’l-artikolu 339(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
4. u aktar f’l-istess data, hin lok u cirkostanzi qabad strument li jaqta u bil-ponta (flixkun) kontra Mahamud Abdirahman Abdalla u dan bi ksur ta’l-artikolu 339(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
5. f’l-istess data, hin lok u cirkostanzi bil-kliem insulenta lil Mahamud Abdirahman Abdalla u dan bi ksur ta’l-artikolu 339(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-artikoli 214, 216, 217, 338(dd) u 339(b)(d)(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens ta’l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li dan il-kaz jigi hekk trattat.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum it-23 ta’ Ottubru 2008 l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghat it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar l-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-koperazzjoni ta'l-imputat mal-pulizija, l-ammissjoni tieghu fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri, n-natura tal-griehi sofferti mill-parte lesa u l-fatt li dan, anke seduta stante, hafer lill-imputat kif ukoll il-fedina penali ta'l-imputat li hija netta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat 214, 216, 217, 338(dd) u 339(b)(d)(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah tmien (8) xhur prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kap qed jigu sospiezi ghal perjodu ta' sentejn.

Il-Qorti spjegat lill-hati fi kliem car r-responsabbilta tieghu u x'jigri jekk huwa jikkommetti reat iehor fil-perjodu ta' sentejn.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------